MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 164/2002/1

**Rupert Mifsud u martu Audrey Mifsud Sciberras.**

**-vs-**

**Carmel u Carmen konjugi Farrugia.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-11 ta’ Frar, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-konvenuti Carmel u Carmen konjugi Farrugia minghajr il-kunsens ta’ l-atturi eriggew recint ossia *wire-fence* sabiex jostruwixxu l-access ghall-bejt tal-fond tal-atturi numru ghaxra (10) Combini Street, Zurrieq;

Illi l-proprjeta' tal-bejt in kwistjoni hija kontestata u hija s-suggett ta' kawza intavolata mill-predecessuri fit-titolu tal-partijiet fl-ismijiet ***"Felicita siver Felicia Farrugia mart Carmelo sive Charles Farrugia u l-istess Carmelo sive Charles Farrugia bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu vs Peter Bartolo Parnis"*****;**

Illi l-predecessuri fit-titolu tal-partijiet transigew ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 395/74 fl-ismijiet "***Peter Bartolo Parnis et vs Angelo Bugeja et***" billi vverbalizzaw konguntement illi qabel ma jkun hemm ezitu definittiv tal-kawza fl-ismijiet citati dwar il-propjeta' tal-bejt ma jsiru l-ebda xoghlijiet strutturali fuq l-istess bejt (Dok. RM1); liema ftehim gie kkonfermat gudizzjarjament permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "***Peter Bartolo Parnis vs Felicita' sive Felicia Farrugia mart Carmelo sive Charles Farrugia u l-istess Carmelo Farrugia fil-kwalita' tieghu ta' amministratur tal-beni parafernali ta' martu***" tal-22 ta' Ottubru 1975 (Dok. RM2);

L-atturi kienu jgawdu l-pussess tal-bejt in kwistjoni kif iddikjarat fis-sentenza citata fil-kwalita' taghhom ta' successuri fit-titolu ta' Peter Bartolo Parnis (Dok. RM3); illi l-konvenuti bl-agir taghhom spoljaw lill-atturi b'mod vjolenti u klandestin; u illi l-ispoll sehh fix-xahar ta' Jannar 2002.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex;

1. Tiddikjara illi bl-agir taghhom il-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront tal-atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jirripristinaw il-propjeta' *de quo* fl-istat li kienet qabel l-imsemmi spoll billi jaghmlu dawk ix-xogholijiet li jirrizultaw necessarji waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu tali xoghol hekk necessarju huma fin-nuqqas tal-konvenuti a spejjez tal-

istess konvenuti anki, jekk ikun il-kaz, taht is-supervizjoni periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-20 ta' Marzu, 2002 li permezz taghha eccepixxew:

1. Illi preliminarjament il-gudizzju ma hux integru stante illi huwa jiddetjeni l-fond b'titolu ta' kera minghand hutu l-ohra salv ghas-sehem indiviz tieghu u ghaldaqstant ghandha ssir il-kjamata fil-kawza tas-sidien l-ohra u cioe' Karmena Bugeja, Doris D'Amato, Josephine Callus, Maria Attard, Gudeja Farrugia u Anthony Farrugia.

2. Illi sekondarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita' tac-citazzjoni stante illi d-dikjarazzjoni annessa ma l-istess ma hix dikjarazzjoni fis-sens illi l-attur jahlef li l-fatti minnu dikjarati jafhom di scienza propria element importantissu sew ghax rikjest mil-Kodici Civili u izjed peress illi hawn si tratta kawza ta' spoll, li hi azzjoni specjali u rigoruza u kif jidher mill-att stess tac-citazzjoni l-atturi qeghdin jippruvaw jivvantaw dritt illi l-predessur taghhom qeghdin jghatu x'wiehed jifhem li ghaddielhom.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hux minnu illi l-konvenuti erigew l-wire fence sabiex jimpedixxu lil atturi milli jaccedu ghall fuq il-bejt proprjeta taghhom izda erigew il-fence sabiex l-atturi ma jippruvawx illegalment u klandestinament jinvadu l-proprjeta taghhom kif heddew li kienu ser jghamlu.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hux minnu illi kien hemm jew hemm xi kontestazzjoni fuq il-bejt detenut mill-konvenuti dwar xi dritt ta' pussess jew ta' xi dritt ta' passagg minn fuq l-istess u ghalhekk l-atturi

ghandhom jipprecizaw ghal liema bejt huma qeghdin jirreferu.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghalhekk isegwi li l-azzjoni odjerna hija sprovista mill-elementi essenzjali b'mod partikolari tal-pussess sew ta' proprjeta kif minnhom allegat kif wkoll ta' dritt ta' passagg minn fuq il-bejt proprjeta tal-konvenuti.

6. Illi kwantu jirrigwarda l-pretensjoni li qed tigi vantata mill-atturi fuq bicca bejt li tinsab fuq wara tal-fond detenut mill-konvenuti qua proprjetarji, dan ilu f'idejhom ghall aktar minn sebgha u ghoxrin (27) sena minghajr hadd qatt ma vanta xi dritt fuq l-istess u ghalhekk hija applikabbli l-preskrizzjoni decienali peress illi huma dejjem iddetenew l-istess animo domani.

7. Illi fil-mertu ma hux minn dak allegat mill-atturi li huma kienu f'xi hin igawdu l-pussess tal-bejt kif dikjarat fis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1975 stante illi huma akkwistaw il-fond proprjeta taghhom recentement u cioe' fis-sena 1996 u minn dak in nhar sal-lum la qatt ghaddew minn fuq il-bejt proprjeta tal-konvenuti, xi haga li ma setghux jghamlu ghax ma hemmx access minhabba l-gholi li hemm u l-anqas qatt talbu permess minghand il-konvenuti sabiex jghamlu dan u dan anke fil-konfront ta' Peter Bartolo Parnis li qatt ma kellu access ghall bejt fuq il-parti ta wara tal-fond tal-konvenuti ghax biex jaghmel dan huwa ried jitlob access minghand il-konvenuti, xi haga li qatt ma ghamel tul dawn l-ahhar seba u ghoxrin (27) sena.

8. Ili fil-mertu wkoll ghalhekk l-azzjoni ntavolata ma hix l-azzjoni edonea stante illi l-azzjoni li kellha tigi proposta, se mai, kellha tkun wahda petitorja u mhux possessorja.

9. Illi fil-mertu u bhala stat ta' fatt, il-bejt, fl-intier tieghu, jaqleb f'direzzjoni wahda u cioe ghal go katusa fil-

proprjeta detenuta mil-konvenut u di pui ma hemm l-ebda forma ta’ access minn fejn l-atturi jistghu jitilghu ghall fq l-istess bejt ghajr minn go bieb fil-proprjeta detenuta mill-konvenuti.

10. Illi ghall dawn il-mottivi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Jannar, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta’ spoll. L-atturi qed isostnu illi l-konvenuti ostakolaw u allura ghalqu l-access li qed jallegaw li kellhom ghal fuq il-bejt taghhom billi tella *fence* mall-bejt tieghu. Kif hu maghruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta’ spoll tirnexxi u dawn huma;

**1. il-pussess,**

**2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta’ tal-attur, u**

**3. li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.**

Il-konvenuti f’din il-kawza ttavolaw zewg eccezzjonijiet preliminari u fil-mertu qed jghidu illi huma erigew il-*fence*

biex ma jhallux lill-atturi jinvadu l-proprjeta' taghhom kif heddew li jaghmlu u li ma jezistux l-elementi rikjesti f'azzjoni simili. Hemm imbaghad diversi eccezzjonijiet ohra li jsegwu.

Il-Qorti qabel xejn qed tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet – l-ewwel wahda ghaliex f'kawza ta' spoll l-azzjoni tkun indirizzata kontra l-pussessur u mhux necessarjament kontra l-proprjetarju u kwindi m'hijiex necessarja l-presenza tal-persuni msemmija fl-eccezzjoni semplicement ghax ko-proprjetarji – fir-rigward tal-fatt li l-attur ma ddikjarax li jaf il-fatti kontenuti fid-dikjarazzjoni *di scientia propria* ghalkemm dan huwa rikjest mil-Ligi. Il-Qorti ma thossx li dan hu nuqqas daqstant kbir li jannulla c-citazzjoni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Astra Limited vs Bank of Valletta deciza preliminarjament fis-sena 2004) u r-raguni ghaliex il-Qorti jrid ikollha kaz ta' nuqqas ta' certu importanza fl-atti promoturi biex tannullahom.

L-attur ippresenta affidavit a fol 30 fejn qal li ftit wara li xtara l-fond imsemmi kien tela' fuq il-bejt in kwistjoni biex jaghmel xi xogholijiet u ftit wara mar ikellmu l-konvenut li qallu biex ma jitlax iktar fuq il-bejt ghax kien tieghu. Qallu wkoll li missieru kien rebah kawza dwar dan izda meta l-attur talbu kopja tas-sentenza din ma waslet qatt. Irrefera wkoll ghall-kwistjonijiet legali li kienu nqalghu bejn l-*aventi causa* tal-partijiet u li dwarhom il-Qorti ser tirreferi iktar il-quddiem. Fil-bidu tas-sena 2002 il-kwistjoni pprecipitat ghaliex hu kien tela' jaghmel xi xogholijiet u l-konvenuta marret tghidlu li kien messu talab permess biex jitla' ghaliex kien ta qatgha lit-tifla. Hu qalilha li ma kellux ghalfejn jitlob permess biex jitla' fuq hwejjgu izda rega' mar ikellmu l-konvenut li rega' semmielu l-kawza.

Dakinhar il-konvenut tella l-*fence* li hu l-mertu tal-kawza. Minhabba f'hekk hu llum ma jistax jitla' fuq il-bejt tieghu jekk ma jpoggix sellum gholi tlett sulari.

Il-konvenuti ppresentaw affidavits taghhom a fol 47. Il-konvenuta qalet li fi Frar 2002 bintha qaltilha li l-attur kien fuq il-bejt u sabitu hemm ma' ragel iehor u qalet li ghalkemm wissitu biex ma jitlax minghajr permess taghhom, kompla biex ghamel *satellite dish.* Qalet li ilhom joqghodu hemm sebgha u ghoxrin sena u li meta kellu bzonn access, kien dejjem jitlob il-permess taghhom. Gie presentat affidavit ta' Carmen Bugeja, presumibilment oht il-konvenut li tghid li sa fejn taf hi, ma kien hemm ebda dritt ta' passagg bejn iz-zewg fondi.

Kontro ezaminat, l-attur irrefera ghall-kuntratt ta' akkwist tieghu u qal li "*jekk thares lejn il-kuntratt l-unika fejn jaghmel riferenza li l-arja m'hijiex taghna hija kamra li kienet immarkata number 9 qabel u li fuqha hemm mibni l-proprjeta' ta' haddiehor. Il-kumplament tad-dar il-kuntratt jirreferi li l-arja hija kollha taghna.*"

Il-Qorti mbaghad zammet access fl-ambjenti in kwistjoni. Minn dan l-access il-Qorti setghet tikkonstata li l-attur, biex jghaddi ghal fuq il-bejt tieghu irid jghaddi minn fuq dak tal-konvenuti li jaccedih bl-iktar mod facli ghaliex inkella, kif qal hu fl-affidavit tieghu, ikollu bil-fors ipoggi sellum gholi tlett sulari – certament mezz iktar difficli u hafna iktar perikoluz. Dan l-istat ta' fatt gie minhabba li ndubbjament fl-imghoddi z-zewg proprjetajiet kienu wahda u meta nqasmu, inqalghet din il-problema.

Ghalkemm il-kawza hija dik ta' spoll, f'dan il-kaz id-dokumenti illi gew esebiti ghandhom certa mportanza, jekk xejn biex wiehed jifhem iktar ghaliex inqalghet il-vertenza. Il-proprjeta' illum posseduta mill-atturi (10, Triq ic-Combini, Zurrieq) kienet sas-sena 1988 tal-Maggur Bartolo Parnis illi fl-1974 kien

istitwixxa proceduri kontra l-*aventi causa* tal-konvenuti. Jidher allura li l-kwistjoni kienet gia' qamet dak iz-zmien tant li s- sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru, 1975 tindika li l-attur kien allega li l-konvenuti bnew opramorta fuq parti

mill-bejt u l-konvenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom kien qalu li "*kien l-attur li kiser dan il-ftehim tas-26 ta' April 1974*" (transazzjoni dwar mandat ta' inibizzjoni) "*billi qabad u wahhal television aerial u beda jaghmel uzu ecessiv mill-bejt u b'hekk ipprovoka diversi incidenti umar kontra dik il-parti tal-ftehim fejn obbliga ruhu li ma jostakolax lill intimati mill-uzu tal-istess bejt*". Il-Qorti laqghet it-talba tal-attur Bartolo Parnis izda mportanti li wiehed josserva li t-talba tieghu ma kienitx wahda petitorja kif donnu qed jahsbu l-atturi, izda ghaliex il-konvenuti ma osservawx il-ftehim imsemmi li kien sar meta giet transatta l-procedura tal-mandat ta' inibizzjoni. Il-kawza petitorja kjarament marret dezerta hafna izjed tard, u cioe' fis-sena 2002, addirittura wara li giet istitwita l-kawza odjerna – izda l-kawza ghal xi raguni ma nfethitx mill-Maggur Bartolo Parnis izda Felicita Farrugia li hija l-*aventi causa* tal-konvenuti. Ghalhekk fil-verita' l-kwistjoni petitorja qatt ma giet rizolta – u dan kontrarjament ghal dak li jahsbu l-partijiet. Dan il-Qorti qed tiddeducih ghaliex il-process ma giex esebit u jidher li hu mitluf – gie esebit biss spoll li jindika li l-kawza giet differita *sine die* fl-2002 u ma gietx appuntata mill-gdid.

Fil-fehma tal-Qorti il-kwistjoni principali f'din il-kawza hija jekk l-atturi kellhomx il-pussess tal-bejt qabel il-konvenut tella l-*fence* imsemmi ghaliex ma hemm ebda dubbju li l-konvenut tella l-*fence* proprju biex ma jhallix lill-attur jghaddi minn fuq il-bejt. Il-Qorti ma tistax tiddeciedi dwar il-kwezit petitorju (illi indubbjament hemm bzonn kbir li jigi rizolt bejn il-partijiet ghaliex certament il-paci bejn il-kontendenti titlb rizoluzzjoni definititva ta' din il-problema) <u>ghaliex quddiemha ghandha biss il-kwistjoni possessorja.</u>

Fis-sentenza <u>Delia vs Schembri</u> (Prim'Awla - 4 ta' Frar, 1958) gie ritenut illi;

*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun .. li jigi vjolentement jew okkultament mehud minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm il-darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet*

*legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata .. jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistghax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti.*

Fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*". (Vol III Sez. 52).

Kif gie ritenut fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit deciza fit-12 ta' April, 1958;

*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja. Hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-Ligi f' idejh; b' mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.*

Kif ukoll gie ritenut;

*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi francizi u taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna – Appell Civili –* Cardona vs Tabone *– (deciza fid-9 ta' Marzu, 1992).*

Fil-kaz in kwistjoni pero' tqum il-problema addizzjonali dwar jekk japplikax il-principju *vim vi ripellere licet*. Ma hemm infatti ebda dubbju kif gia' intqal li l-konvenuti tellghu il-*fence*

qabel ma giet intavolata l-kawza biex ma jhallux l-attur jghaddi. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Camilleri vs Bonello (5 ta' Ottubru, 1998);

*F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok ghaliha ghandu dejjem ikun identifikabbli u ghandu jigi bi precizjoni identifikat (spolitaum fuisse) bhala fatt li sar fi zmien determinat mhux biss ghaliex mill-mument meta javvera ruhu li d-dekadenza estintiva ta' l-azzjoni jibda jiddekorri imma wkoll ghaliex it-talba jehtieg tkun ghar-reintegrazzoni ta' l-attur.*

Il-Qorti ccitat sentenza antika (Vol XXIV pt 1 pagna 281) illi irriteniet;

*Dell'altro canto chi rimuove ostacoli trovati nel passaggio alle proprie terre per apririvi l'accesso che prima possedeva non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizzia da se ma esercita il su diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli.*

Il-Qorti mbaghad qalet li dan naturalment japplika *a contrario senso.* Naturalment din l-azzjoni tal-konvenut trid tkun saret immedjatament wara li jkun sar l-ispoll tal-attur biex tkun gustifikata (ara wkoll is-sentenzi Pellegrini Petit vs Sammut – Appell 16 ta' Jannar, 1920 u Sammut vs Sammut – Prim'Awla 31 ta' Jannar, 2003).

Ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi jekk l-atturi kellhomx pussess; jekk kienx l-istess attur li ha l-Ligi b'idejh u kwindi kkometta l-ispoll hu u allura l-konvenut kellux dritt jirrespingi l-ispoll permezz ta' spoll iehor – haga li hija permessa mill-gurisprudenza purke l-azzjoni tieghu tkun proporzjonata (fis-sens li jerga' jpoggi l-affarijiet ghall-istat li kienu qabel l-ispoll) u mmedjata.

Il-Qorti thoss li l-atturi kkomplikaw l-affarijiet meta fic-citazzjoni ndikaw is-sentenza tal-1975 ghaliex kif gia' gie osservat din l-azzjoni kienet fuq il-kawzali li l-konvenuti kisru l-ftehim tal-1974 kontenut fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni. Ukoll kontrarjament ghal dak li jahsbu l-partijiet ma hemm ebda sentenza definittiva rigward il-proprjeta'

disputata. Ghalhekk semmai jista’ jigi anke argumentat illi l-partijiet ghadhom marbuta bil-ftehim tal-1974 ghaliex il-vertenza petitorja ma giet deciza qatt.

Il-Qorti thoss li l-atturi, wara li akkwistaw il-fond taghhom fl-1996 zgur li kellhom il-bzonn jitilghu fuq il-bejt in kwistjoni. Mill-attitudni tal-konvenuti ma jidhirx li l-atturi kellhom xi access minghajr opposizzjoni u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li meta l-atturi kienu jitilghu fuq il-bejt kienu ghall-inqas javzaw, jekk mhux jitolbu permess lill-konvenuti u l-problemi bdew jinqalghu meta l-attur tela’ minghajr pre-avviz. Kien hawnhekk illi l-konvenuti ddeciedew li jtellghu il-*fence* li kien l-uniku mod li jzommu lill-atturi milli jitilghu. Fil-waqt li l-Qorti ma tistax ma tikkundannax l-agir tal-konvenuti li hadu l-Ligi f’idejhom, fl-istess hin kien kundannabbli l-agir tal-attur li ddecieda li ma ghandux bzonn jibqa’ jitlob permess jew ghall-inqas javza lill-konvenuti kull meta jkollu bzonn jitla’ fuq il-bejt. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-konvenuti rrispondew ghall-ispoll tal-attur billi kkomettew spoll huma – haga illi fic-cirkostanzi hija permissibbli skond il-gurisprudenza fuq imsemmija. Madankollu l-konvenuti ma kienux f’posizzjoni li jreggghu l-affarijiet ghall-istat pre-esistenti ghaliex l-attur meta beda jitla’ fuq il-bejt minghajr ma jghidilhom, ma mess xejn mill-istat ta’ fatt pre-esistenti. Infatti ghalkemm l-azzjoni (jew reazzjoni) tal-konvenuti kienet immedjata izda zgur li kienet esagerata, (ghalkemm kien fattwalment mezz effettiv biex jirrispondu ghall azzjoni unilaterali tal-attur – probabilment zgwidat mis-sentenza li esebixxa ghaliex kellu l-impressjoni li din taghtih xi dritt). Il-Qorti zgur ma tistax tippermetti azzjoni bhal dik tal-konvenuti li kellhom mezzi legali biex iwaqqfu lill-

atturi milli jkomplu jitilghu fuq il-bejt. Minnflok ghamlu hekk hadu l-Ligi f’idejhom b’mod mill-iktar lampanti. Kif gia’ inghad, l-attur lanqas ma ghamel sew meta beda jitla’ x’hin ikollu bzonn minghajr ma javza lill-konvenuti u dan ser ikun rifless fil-kap tal-ispejjes. Naturalment l-esitu ta’

din il-kawza ma jaffetwa b'ebda mod id-drittijiet petitorji tal-partijiet li jibqghu mpregudikati.

Rigward l-element taz-zmien ma hemm ebda kontestazzjoni li l-azzjoni saret *entro* x-xahrejn rikjesti mil-Ligi.

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-atturi u tordna lill-konvenuti biex fi zmien xahrejn inehhu l-*fence* in kwistjoni u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu dan a spejjes tal-konvenuti taht is-supervizjoni tal-AIC Mario Cassar jekk ikun hemm bzonn.**

**L-ispejjes, *stante* dak li gia' intqal qabel, fic-cirkostanzi ghandhom jinqasmu indaqs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------